## Il-mużika fil-festa Maltija (VIII):

# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni [l-ewwel parti]



**Mro Manoel Pirotta**

DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fl-artiklu li għadda kellimtkom fuq il-marċi militari ta' kompożituri Maltin u barranin. Tip ieħor ta' marċ fir-repertorju bandistiku Malti, għad li mhux daqstant komuni, huwa dak tal-Inkoronazzjoni. Fl-ewwel parti ta' dal-artiklu se nlaqqagħkom ma' tliet xogħlijiet mill-pinna ta' Meyerbeer – mill-opra _Le prophète_, ta' Tchaikowsky – f'ġieħ il-Kżar Alessandru III, u Elgar – għar-Re Ġorġ V u r-Reġina Marija. Ħafna drabi dawn kienu jinkitbu fl-okkażjoni tal-inkoronazzjoni ta' xi re u/jew reġina, kżar jew imperatur. Min-naħa tiegħu, Mro Nazzareno Refalo wkoll kiteb wieħed f'ġieħ Marija Bambina tax-Xagħra, Għawdex.

Fl-artikli ta' dis-sena, s'issa tkellimna fuq tliet tipi ta' marċi: sinfoniċi, trijonfali u militari. Għaldaqstant, qabel ma mmur biex ngħaddilkom tagħrif ġdid dwar il-marċ tal-Inkoronazzjoni, xtaqt l-ewwel inżid xi xogħlijiet ta' kompożituri Maltin mal-listi li jiena diġà tajtkom.

Nibdew b'dawk sinfoniċi: *Congress parrochiale* ta' Mro Ġużeppi Azzopardi [Iż-Żnaj] (1908-1968), Rabti. Studja ma' Mro Giuseppe Vitaliti – surmast tal-Banda *Konti Ruġġieru*. Kien pjanista bl-orkestrina tiegħu f'*nightclub* il-Belt[1]; *Sant'Elena* ta' Mro Vincenzo Costa (?-?), li rebbħitu midalja tal-fidda u diploma ta' *prima classe* f'konkors li kien sar f'Perugia, l-Italja; *Amarti Sempre* ta' Mro Ġużeppi Zammit (1900-71), imwieled iż-Żurrieq, għal xi żmien surmast-direttur tal-banda Żurriqija *Queen Victoria*; *Giorno di Festa*, *La Penserisi*, u *Zoé* ta' Mro Antonio Miruzzi (1867-1944) ġieli jitniżżlu ukoll bħala marċi sinfoniċi; Joe M. Miceli, awtur ta' għadd ġmielu ta' marċi brijużi, bagħatli kopja elettronika tal-partitura *Jubileo d'Argento* ta' Mro Carlo Diacono (1876-1942), datata 5 ta' Jannar 1934; *Benito Mussolini* ta' Mro Giuseppe Zerafa (1903-50), vjolinist gwapp li għal xi żmien mexxa l-banda Misidjana. Ix-xogħol rebbħu premju mill-*Ufficio Musicale 'Nicola Salzano'* ta' Nocera Inferiore bi *gran diploma* u salib tal-fidda[2]; *marcia sinfonica* (1902) ta' Mro Gaetano Grech [Palazzi] (1855-1938), li rebbħitu nomina ta' *Membro Accademico del Circolo Bellini*. Indaqqet waqt programm f'ġieħ il-Kataniż Vincenzo Bellini (1801-35) f'Villa Bellini mill-Banda *Duke of Edinburgh* [illum *Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz*].[3]

1 Camilleri Joseph C.: 'Is-Surmast Ġużeppi Azzopardi' fis-sensiela 'Min Hu?' – In-Nazzjon, it-Tnejn, 11 ta' Marzu 1996, p. 22.

2 Ara p. 230.



Il-Markiż Giuseppe Scicluna (Ritratt: John Magro)



Giacomo Meyerbeer



Peter Ilyich Tchiakovsky

Aktar marċi trijonfali: Miruzzi għandu wkoll *marcia trionfale Marchese Scicluna* li kitbu fl-okkażjoni tal-kxif tal-monument f'ġieħ il-Markiż Giuseppe Scicluna (1855-1907) – bankier, finanzier, filantropu u patrijott, kien ta' għajnuna fl-iżvilupp kummerċjali f'Malta. Dan sar il-Ħadd, 18 ta' Diċembru 1904 fil-ġnien tal-Mall, il-Furjana. Il-marċ trijonfali kien indaqq mill-banda Ġużeppina Ħamruniża taħt id-direzzjoni tal-kompożitur innifsu. Il-monument inħadem fit-Toscana, l-Italja, fuq disinn tal-iskultur Malti Francesco Saverio Sciortino (1875-1958), ħu l-iskultur magħruf Antonio.[4]

Hemm imbagħad il-marċi trijonfali, li tagħhom m'għandix isem, mill-pinna ta' Mro Ġanni Vella (1890-1955), Mosti, u surmast-direttur ta' diversi baned, fosthom tal-RMA.[5] Mro Luisa Camilleri[6] (1878[7]-?) ukoll, ikkomponiet *Inno Trionfale* għall-pjanuforte. Dal-innu ġie ppremjat mil-*Liceo Musicale* ta' Napli, b'ċertifikat tal-unur u salib tad-deheb.[8] Marċ trijonfali ieħor, *Jum il-Grazzja* ta' Mro Adeodato Gatt (1898-1966) indaqq għall-ewwel darba waqt programm ta' mużika magħżula mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda 'San Mikiel' ta' Ħaż-Żabbar, is-Sibt, 1 ta' Settembru 1951, fil-ftuħ tal-festi tal-

3 Zahra Lorenzo: 'Ġrajjiet il-Banda Vittoriosana San Lawrenz (1883-1983), p. 30.

4 Galea Michael: Monumenti fil-Gżejjer Maltin (59) - 'Il-Markiż Giuseppe Scicluna' (In-Nazzjon, it-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2013, p. 20.

5 Mifsud Bonnici Robert: 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum' (Giov. Muscat, 1951), p. 145.

6 Bi żvista, RMB iniżżel kunjomha Vella fil-ktieb imsemmi.

7 L-Album 'Cenni biografici dei Compositori, Maestri e Solisti contemporanei' (1928) jagħti l-1885 bħala d-data tat-twelid. Ara p. 231

8 Mifsud Bonnici Robert: 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum' (Giov. Muscat, 1951), p. 144.



Ir-Reġina Vittorja fil-pjazza li ġġib isimha



L-Inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ VI (1895-1952) fl-1937

ikompli f'paġna 26

# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni

ikompli minn paġna 16

Inkoronazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja.[9]

Il-marċ tal-Inkoronazzjoni: Fir-repertorju klassiku nsibu ħafna marċi orkestrali ta' dat-tip li kienu jinkitbu fuq stedina għal xi inkoronazzjoni ta' xi re u/jew reġina, inkella ssibhom f'xi xogħol kbir bħalma hi l-opra. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li ċerimonja ta' inkoronazzjoni jkun jinħtiġilha titħejja tajjeb qabel il-wasla tal-maestà tagħhom. Il-kapijiet tal-Istat ta' pajjiżi differenti, slaten u rġejjen barranin u dinjitarji oħrajn iridu jaslu f'ordni preskritta f'ħinijiet stretti appuntati lilhom. U sakemm dawn jitlaqqgħu f'post wieħed bħal, ngħidu aħna, f'*Westminster Abbey*, ikunu akkumpanjati l-ħin kollu mid-daqq tal-orkestra u l-organista.

Ladarba kulħadd ikun f'postu, tibda l-purċissjoni bl-insinji rjali bis-sehem tal-kleru u l-korijiet ta' *Westminster Abbey* u x-*Chapel Royal*. Din titlaq minn kamra medjevali, magħrufa bl-isem ta' Ġerusalemm, iddur id-dawra sħiħa tal-kjostru – bil-korijiet ikantaw l-innijiet, akkumpanjati minn ħames strumenti tar-ram – tidħol min-naħa t'isfel tal-korsija flimkien mal-familja rjali għal aktar daqq maestuż mill-orkestra, sakemm imbagħad, fanfarra tħabbar id-daħla ċerimonjali l-kbira tar-re u r-reġina u kulħadd jibda tiela' qajl qajl lejn l-altar maġġur.

Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni mill-Opra *Le prophète*: Dax-xogħol ferm popolari tal-1849 huwa meħud mit-tieni xena tar-raba' Att tal-Opra grandjuża ta' Giacomo Meyerbeer (1791-1864) – kompożitur Ġermaniż ta' nisel Lhudi – bl-ewwel rappreżentazzjoni ssir f'Pariġi fis-16 ta' April 1849. Il-librett huwa ta' Augustin Eugène Scribe (1791-1861) u Émile de Saint Amand Deschamps (1791-1871), drammaturgu u poeta rispettivament, mibni fuq siltiet minn *Essai sur le mœurs et l'esprit des nations* (1759) ta' Voltaire (1694-1778). Id-dramm hu bbażat fuq il-ħajja ta' Ġwanni ta' Leiden (1509-36) l-anabattist Olandiż tas-seklu 16 li pproklama lilu nnifsu bħala r-'Re ta' Münster' għax kien isostni li l-kbar biss għandhom jitgħammdu.

Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni (*tempo di marcia maestoso*) jimmarka l-ilħuq meta l-profeta Leiden laħaq re fil-katidral ta' Münster fejn jilqa' l-kuruna, ix-xettru, ix-xabla tal-ġustizzja, u s-siġill tal-Istat. Il-marċ jindaqq minn fuq il-palk minn banda ta' sitta u għoxrin ruħ magħmula minn tmintax-il saks-kornu [strument imsemmi għall-inventur tiegħu, Adolphe Sax (1814-94), Belġjan], żewġ trombi – b'leħinhom dinjituż, solenni u maestuż, żewġ kurunetti – b'dak il-ħoss ċar u penetranti tagħhom, u erba' tnabar militari.

Il-marċ tal-festival tal-Inkoronazzjoni in Re maġġuri, TH 50, ČW 47: Dal-marċ ta' Peter Ilyich Tchaikovsky (1840-93) inkiteb fl-okkażjoni tal-inkoronazzjoni tal-Kżar Alessandru III (1845-94), imperatur tar-Russja, re tal-Polonja u granduka tal-Fillandja, fl-1883. Ix-xogħol, li sar fuq ordni uffiċjali tal-belt ta' Moska, u li għall-bidu kellha tkun kantata[10] bl-isem ta' Moska, jinkludi siltiet mill-innu nazzjonali tal-imperu Russu. Indaqq għall-ewwel darba f'ġieħ il-Kżar fil-park ta' Sokolniki fl-4 ta' Ġunju tal-1883 taħt il-bakketta ta' Sergei Taneyev (1856-1915), u reġa' ndaqq fi New York taħt id-direzzjoni tal-kompożitur innifsu. Jingħad li t-tema prinċipali għandha ħafna mill-kor tal-Alleluia tal-*Messiah* ta' Händel, bl-ewwel parti tinħadem fl-istil ta' dal-kompożitur Barokk.

Għall-ewwel, il-passaġġ tan-nofs jinħakem minn ħlewwet il-korda, qabel ma l-orkestrazzjoni ssir aktar rikka u varjata bl-użu tal-platti u l-istrumenti tar-ram u tal-injam. Dan iwassalna lura għat-tema tal-bidu, bil-mużika terġa' tibda tielgħa ftit ftit sa ma tilħaq il-qofol tagħha bis-sehem tal-istrumenti orkestrali kollha.

Marċ tal-Inkoronazzjoni, Op. 65: Dal-marċ, Edward William Elgar (1857-1934) – magħdud fost l-aqwa kompożituri li qatt ipproduċiet l-Ingilterra – kitbu għall-inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ V u r-Reġina Marija f'*Westminster Abbey* fl-1911. Iżda din ma kenitx l-ewwel kummissjoni rjali tiegħu: fl-1897 kiteb marċ imperjali, Op. 32, biex jiċċelebra l-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Victoria f'għeluq is-sittin sena tagħha bħala reġina tal-Ingilterra.

Fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb, hawn Malta, kien twaqqaf monument f'ġieħha fi pjazza msemmija għaliha, proprju quddiem il-Bibljoteka Nazzjonali. Waqt il-kxif tal-monument – xogħol fl-irħam tal-iskultur Palermitan, Giuseppe Valenti (1835-1903) – il-banda tar-RMA daqqet l-innu rjali; fl-1902 kiteb odi tal-inkoronazzjoni, Op. 44, fuq versi ta' Arthur Christopher Benson (1862-1925) – li tinkludi l-famuża għanja patrijottika *Land of hope and glory* – għall-inkoronazzjoni tar-Re Dwardu VII (1841-1910) u r-Reġina Alessandra (1844-1925).

Mix-xogħlijiet kollha ta' kompożituri Maltin, sibna talanqas Marċ tal-Inkoronazzjoni wieħed mill-pinna ta' Mro Nazzarenu Refalo (1914-2004), ad unur Marija Bambina tax-Xagħra, Għawdex. Das-surmast kien mix-Xagħra, Għawdex. Tħarreġ fil-mużika fi Franza. Għallem il-mużika fl-iskejjel Statali, għal xi żmien mexxa l-banda *Victory* u kien organista fil-parroċċa ta' raħal twelidu. Bħala wieħed mill-aqwa tenuri Għawdxin, kien ikanta fil-knejjes ma' diversi *maestri di cappella*. Kellu wkoll l-orkestra tal-knisja tiegħu. Bħala kompożitur, kiteb mużika sagra u profana, fosthom marċi brijużi u funebri.

9 Mifsud Bonnici Robert: 'Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex (l-ewwel ktieb) (Giov. Muscat, 1956), p. 74.

10 Tip ta' xogħol vokali għall-akkumpanjament orkestrali fuq tema aktarx reliġjuża.